**8 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Cristino Sciortino

**Appell — Deżerzjoni — Art. 434 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Jekk l-appellant, notifikat bil-mozzjoni tal-appuntament tal-appell minnu propost, isiefer u ma jidherx meta tiġi msejħa l-kawża, l-appell tiegħu għandu jiġi meqjus bħala deżert, jekk huwa, qabel ma siefer, ma għamelx rikors biex jitlob ir-rinviju tal-udjenza.*

*Xejn ma jiswa illi, meta jissejjaħ l-appell, jidher minfloku d-difensur tiegħu. Il-fatt ta' din id-dehra ma għandux influwenza fuq il-kwistjoni; għax il-liġi tirrikjedi dejjem il- preżenza tal-appellant stess. Biex ma jkunx hemm deżerzjoni, jeħtieġ li r-raġuni li għaliha l-appellant ma jkunx deher tkun dik ta' mard jew raġuni oħra ndipendenti mill-volontà tiegħu; imma jekk ikun hemm negliġenza għandha tiġi pronunzjata d-deżerzjoni, u l-fatt li l-appellant qabel ma siefer ma talabx b'rikors ir-rinviju tal-udjenza jikkostitwixxi negliġenza li tiġġustifika d-deżerzjoni tal-appell tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni kontra Cristino Sciortino quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli s-Salina, fiż-17 ta' Awissu 1960, fis-7.00 p.m., ippermetta lil Mary Dolores Sciortino ssuq car no. 28698 mingħajr liċenza mill-Pulizija tas-sewqan, u b'hekk ma kienetx koperta bil-polza tas-sigurtà jew garanzija dwar riskji ta'

terzi persuni skond id-dispożizzjonijiet tal-Ord. XXXVI tal-1939;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jiġi skwalifikat li jkollu jew jieħu ebda liċenza tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax il-xahar jew aktar skond l-art. 3(2) tal-istess Ordinanza;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-21 ta' Awissu 1960, li biha ma sabitx lill-imputat ħati tal-ewwel reat, iżda ddikjaratu ħati tat-tieni, ċjoè li ppermetta lill-bintu ssuq bla "third party risks policy", u kkundannatu £5 multa, u, wara li qieset iċ-ċirkustanzi, ordnat li huwa jiġi skwalifikat li jkollu jew jieħu ebda liċenza tas-sewqan għal żmien xahar;

Ikkunsidrat;

Meta ssejħet il-kawża l-appellant, regolarment notifikat bil-mozzjoni tal-appuntament fiż-17 ta' Settembru 1960 (fol. 12 tergo), ma deherx. Dottor Mifsud Bonnici, difensur tiegħu ta' fiduċja informa lill-Qorti li l-patroċinat tiegħu kien jinsab imsiefer, u kien ħalla Malta f'waħda mill-ġranet ta' dik il-ġimgħa (verbal fol. 13);

L-Avukat tal-Kuruna rrileva li, ġaladarba l-appellant kien ġie notifikat bil-mozzjoni tal-appuntament, hu kien messu għamel rikors qabel is-smiegħ tal-appell, biex jitlob rinviju tal-udjenza, u ladarba ma għamelx hekk, l-appell tiegħu għandu jiġi dikjarat deżert għat-tenur tal-liġi (ara verbal fol. 13 u dak tal-lum);

Ikkunsidrat, fuq din il-preġudizzjali;

Qabel xejn, għandu jingħad li l-fatt li, doverożament, deher id-difensur (għalkemm il-Qorti tapprezza l-korrettezza tiegħu) ma għandux influwenza fuq din il-kwistjoni; għaliex ġie deċiż, u l-Qorti kif presjeduta ma tistgħax ma taqbelx ma' din id-deċiżjoni, li l-preżenza tal-appellant stess hi dejjem rikjesta (App. Krim. "La Polizia vs. Muscat", 29 ta' Marzu 1919, Imħallef. Dr. Alf. Parnis. LL.D., Vol. XXIV-IV-920);

Fit-tieni lok, skond id-dispost tal-art, 434 Kap. 12, sabiex ma jkunx hemm lok għad-deżerzjoni, jeħtieġ li r-raġuni li għaliha l-appellant ma jkunx deher tkun dik ta' mard jew raġuni oħra ndipendenti mill-volontà tiegħu. Dan ifisser li, jekk ikun hemm negliġenza għandha tiġi pronunzjata d-deżerzjoni;

Issa, fil-każ in ispeċje, kienet negliġenza da parti tal-appellant li ma għamelx rikors qabel ma siefer sabiex l-appell tiegħu jkun rinvijat għal ġurnata li fiha hu jkun ir-ritorna, kif ta' spiss isir; u l-Qorti dejjem akkordat domandi simili, ammenkkè ma kienx hemm xi raġuni leġittima in kuntrarju. Kieku l-appellant għamel din t-talba, ma kienx jagħti lok, kif bin-negliġenza tiegħu ta lok, għan-nuqqas ta' komparizzjoni f'ġurnata li fiha kien ikun barra minn Malta; għaliex il-Qorti kienet tkun biddlet il-ġurnata tas-smiegħ tal-appell (appuntament) għal wara r-ritorn tiegħu f'Malta;

Dawn il-prinċipji ġew enunċjati minn din il-Qorti fl-App. Krim. "Pul. vs. Prof. Dr. Victor Caruana, LL.D., u Kontessa Teuma Castelletti", deżert kwantu għall-ewwel wieħed fis-6 ta' Settembru 1952, u deċiż kwantu għat-tieni fit-18 ta' Ottubru 1952; u aktar preċiżament fid-digriet mogħti fit-13 ta' Settembru 1952, li qiegħed fol. 32-38 tal-proċess fuq imsemmi;

Ma hemmx bżonn jiżdied li kien ikun divers il-każ kieku rriżulta illi l-appellant kien impedut minn xi ċirkustanza mhux dipendenti mill-volontà tiegħu milli jagħmel ir-rikors għat-tibdil tad-data tas-smiegħ tal-appell; per eżempju, kieku kien kostrett isiefer b'urġenza talment kbira li ma ħallietlux żmien jikkommunika mal-avukat tiegħu; jew kieku l-vjaġġ tiegħu kien diviżat talment li hu jirritorna a tempo fil-ġurnata tal-ewwel appuntament, imma mbagħad ma rritornax fid-data maħsuba minħabba xi ċirkustanza ta' "vis major"; u raġunijiet simili. Iżda ebda raġuni ta' din ix-xorta ma ġiet allegata f'dan il-każ;

Għalhekk, wara li rat l-art. 434 Kap 12, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, takkolji l-preġudizzjali tal-Prosekuzzjoni, u tiddikjara l-appell deżert.